ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA`
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Sample Paper**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji**

**IS-SEBA' SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI** **IL-ĦIN: Siegħa**

L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ___________

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT Taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki jidhru bejn il-parentesi jew fl-aħħar ta' kull Taqsima.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| multikulturali | il-unjons | globali | nonformali | reliġjon |
| soċjetà | it-teknoloġija | rikostitwita | soċjalizzazzjoni | fil-parlament |

1. Familja r______________________ hija familja fejn wieħed mill-ġenituri jew iż-żewġ ġenituri għandhom tfal minn relazzjoni preċedenti, iżda jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw familja ġdida.

2. Tul is-snin __________________________ ħadmu sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

3. Waqt il-proċess ta' s____________________________, jissawwar il-qafas tal-imġiba soċjali ta' kull bniedem.

4. L-erba' karatteristiċi ta' s________________________ huma għaqda, organizzazzjoni, komunikazzjoni u diversità.

5. Bħala ċittadini ___________________________ jeħtieġ li nkunu nfurmati b'dak li qed jiġri f'pajjiżi oħra.

6. Ir-_______________________________ hija istituzzjoni soċjali għaliex tinkludi twemmin u prattiċi li jilħqu l-bżonnijiet bażiċi tas-soċjetà.

7. Ir-rappreżentanti taċ-ċittadini jiltaqgħu __________________________________ fejn jiddiskutu liġijiet ġodda u jbiddlu liġijiet li ma jkunux relevanti għall-ħajja tal-lum.

8. Soċjetà _______________________________ tfisser soċjetà li fiha aktar minn kultura waħda.

9. _______________________________ hija il-modi u metodi li jintużaw biex jeħfief ix-xogħol.

10. L-edukazzjoni ______________________________ hija marbuta l-aktar mal-kunċett tat-tagħlim matul il-ħajja (*lifelong learning*).

**(10 marki)**

**Taqsima B: Agħżel billi timmarka tweġiba WAĦDA tajba biss.**

1. **Familja estiża hija**
   a) familja bla tfal
   b) familja b'ħafna tfal
   c) familja b'ġenituri, ulied u familjari jgħixu flimkien

2. **Il-midja**
   a) turi u ssemma' l-verità biss
   b) tippermetti li kulħadd isemma' leħnu bla biżà
   c) m'għandhiex interessi kummerċjali

3. **Il-kunsill lokali huwa responsabbli**
   a) mil-lokalità
   b) li jibni toroq arterjali
   c) li jmexxi l-pajjiż

4. **Malta hija membru tal-Unjoni**
   a) Ewropea
   b) Afrikana
   c) Sovjetika

5. **Ħafna mill-prodotti li aħna nikkunsmaw jiġu magħmula**
   a) f'Malta biss
   b) f'pajjiżi Ewropej biss
   c) mid-dinja kollha

6. **Permezz tal-isport, l-individwu**
   a) ma jibnix relazzjonijiet mal-oħrajn
   b) jitgħallem jirrispetta lill-awtorità
   c) qatt ma jitgħallem jaċċetta telfa

7. **Edukazzjoni formali tirreferi għal**
   a) dak kollu li nitgħallmu b'mod organizzat u li jista' jiġi eżaminat f'ambjent ta' skola
   b) dak kollu li nitgħallmu f'kull waqt ta' ħajjitna min-nies ta' madwarna
   c) korsijiet onlajn

8. **Fiċ-ċentru tar-raħal tradizzjonali Malti nsibu diversi**
   a) mtieħen
   b) knejjes u kappelli
   c) bini għoli

9. **Normi soċjali jinkludu li**
   a) żżomm il-kju
   b) tmur kuljum tard l-iskola
   c) ttellef il-paċi pubblika

10. **Il-Ġnus Magħquda għandha l-għan ewlieni li tippromwovi**
   a) l-gwerrer
   b) l-ġlied
   c) l-paċi

**(10 marki)**

**Taqsima C: Immarka ✓ jekk hux VERU *jew* FALZ.**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Permezz tal-komunikazzjoni u l-ivvjaġġar il-pajjiżi mhumiex 'l bogħod minn xulxin: id-dinja saret qisha villaġġ globali. | | |
| 2. | Fil-Qorti issir ġustizzja biex kulħadd jieħu dak li ħaqqu. | | |
| 3. | L-ivvjaġġar ma jgħinx biex tinfirex kultura globali. | | |
| 4. | Komunità hija grupp ta' nies li b'xi mod għandhom xi konnessjoni ma' xulxin, bħal fi skola, grupp reliġjuż u oħrajn. | | |
| 5. | Valuri huma prinċipji li juru x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. | | |
| 6. | Sess u ġeneru jfissru kompletament l-istess. | | |
| 7. | Fis-soċjetà tagħna l-gruppi ta' pressjoni m'għandhomx rwol importanti. | | |
| 8. | Mill-familja nieħdu s-soċjalizzazzjoni sekondarja. | | |
| 9. | Razziżmu huwa l-imħabba ta' nies għal razza oħra. | | |
| 10. | Gruppi kulturali jinkludu għaqdiet tal-arti, teatrali jew mużikali. | | |

**(10 marki)**

**Taqsima D: Aqra sew dawn is-sitwazzjonijiet u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarhom billi tagħti ŻEWĠ eżempji għal kull sitwazzjoni.**

1. Mihail ġej mill-Bosnia Herzegovina u għandu reliġjon u kultura differenti mill-kumplament tal-klassi. Shamison, ħabib tiegħek fil-klassi qed jgħaddi kummenti negattivi fuq il-kultura u r-reliġjon ta' Mihail. Kieku inti x'tagħmel f'din is-sitwazzjoni?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________(4)

2. Keira issieħbet f'wieħed mill-programmi sportivi li torganizza Sport Malta. Kull nhar ta' Sibt hi tmur tipprattika l-isport favorit tagħha u qed tħajrek sabiex tagħmel bħalha. Kieku kellek tibda tmur, x'vantaġġi tgawdi ser tibda minnhom?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

___________________________________________________________________(4)

3. Wieħed mill-ħbieb tiegħek qabad ipejjep. X'tagħmel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

___________________________________________________________________(4)

4. Inqala' l-argument li n-nisa posthom huwa d-dar u mhux li joħorġu jaħdmu. X'taħseb dwar dan?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

___________________________________________________________________(4)

5. Fil-klassi għandkom persuna bi bżonnijiet speċjali. Kieku inti kif iġġib ruħek magħha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

___________________________________________________________________(4)

**(20 marka)**

**Taqsima E: Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

Il-familja hi l-iżgħar grupp soċjali. Il-gruppi soċjali jiffurmaw soċjetà, jiġifieri n-nies ifittxu li jgħinu lil xulxin, li jtejbu l-qagħda tagħhom, u għandhom bosta drawwiet, twemmin u valuri komuni. Fil-gruppi soċjali niltaqgħu f'okkażjonijiet ta' ferħ u ta' niket. L-imġiba soċjali ta' persuna fi gruppi soċjali, tiddependi minn kemm jifhem ir-rwol tiegħu fis-soċjetà. Aktar ma nikbru aktar nifhmu x'inhu s-sehem tagħna fil-ħajja u kif aħna mistennija li nġibu ruħna.



**Mistoqsijiet**

1. Agħti titlu lil din is-silta.

_____________________________________________________________ (1)

2. Għaliex il-bniedem għandu bżonn li jkun fi grupp?

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________(2)

3. Xi tfisser bit-terminu 'grupp soċjali'? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' gruppi soċjali differenti.

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________(4)

4. Agħżel grupp soċjali u ikteb dwar l-rwol tiegħu fis-soċjetà.

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________(3)

5. Semmi **ERBA'** vantaġġi li wieħed jikseb meta jkun fil-grupp.

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4)

5. Fi grupp organizzat, bħalma hu kumitat, il-membri għandhom rwoli differenti. Semmi **TLIET** ħiliet li kull membru għandu jkollu sabiex il-grupp jimxi tajjeb.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(6)

6. Għaliex huwa importanti li jkun hemm il-kooperazzjoni fi grupp?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

7. Meta tidher is-solidarjetà fi grupp soċjali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

**(25 marka)**

**Taqsima F: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 100 kelma dwaru.**

1. Fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni aħna nistgħu nitgħallmu mingħand diversi nies. Iddiskuti billi tagħmel referenza għall-aġenti ta' soċjalizzazzjoni.
2. Spjega x'inhu multikulturaliżmu b'referenza għas-soċjetà Maltija.
3. Il-mod u r-raġuni li bih in-nies qegħdin jikkomunikaw bejniethom inbidel minħabba l-globalizzazzjoni. Iddiskuti.

**(25 marka)**

**Total: 100 marka**